# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1510

## tat-8 ta' Ottubru 2018

## li taħtar żewġ membri, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fil-11 ta' Lulju 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1334 ([4]), is-Sur Augusto ROLLANDIN ġie sostitwit mis-Sur Pierluigi MARQUIS bħala membru. Fid-29 ta' Jannar 2018, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/157 ([5]), is-Sur Pierluigi MARQUIS ġie sostitwit mis-Sur Laurent VIERIN bħala membru.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Laurent VIERIN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat li abbażi tiegħu kienet ġiet proposta s-Sa Micaela FANELLI *(Sindaco del Comune di Riccia (CB))*, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħtura membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sa Nicoletta SPELGATTI, *Consigliere e Presidente della Regione Valle d'Aosta,*

— Is-Sa Micaela FANELLI, *Assessore del Comune di Pontecorvo (FR)* (bidla tal-mandat).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BOGNER-STRAUSS

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1334 tal-11 ta' Lulju 2017 li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni. (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 45).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/157 tad-29 ta' Jannar 2018 li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni. (ĠU L 29, 1.2.2018, p. 35).